

“Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta’ regoli komuni għal ċerti mezzi tat-trasport għall-merkanzija bit-triq (Verżjoni kodifikata)”

COM(2004) 47 finali – 2004/0017 (COD)

(2004/C 241/05)

Fil-11 ta’ Frar 2004 il-Kunsill iddeċieda, skond Artikolu 71 li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta’ regoli komuni għal ċerti mezzi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq (verżjoni kkodifikata)”

Is-Sezzjoni speċjalizzata fit-“Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà ta’ l-Infommazzjoni”, responsabbli għall-preparazzjoni tax-xogħol tal-Kumitat dwar is-suġġett, elaborat l-opinjoni tagħha fil- ... 2004 (ir-rapporteur: is-Sur SIMONS).

Fil-sessjoni plenarja tiegħu Nru 409 (il-laqgħa tat-2 ta’ Ġunju 2004), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew addotta l-opinjoni li ġejja b’173 vot favur, wieħed kontra u 16 –il astensjoni

1. L-għan ta’ din il-proposta huwa t-twettiq tal-kodifikazzjoni ta’ l-ewwel Direttiva tal-Kunsill, tat-23 ta’ Lulju 1962, dwar l-istabbiliment ta’ regoli komuni għal ċerti mezzi tat-trasport tal-merkanija bit-triq ⁽¹⁾.

2. Fil-kuntest ta’ l-Ewropa taċ-Ċittadini, is-simplifikazzjoni u l-kjarezza tal-liġi komunitarja għandhom importanza kbira. Għalhekk, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni enfasizzaw il-bżonn li jiġu kodifikati l-atti leġiżlattivi li huma miqdula ħafna drabi, u permezz ta’ qbil interistituzzjonali ta’ l-

20 ta’ Diċembru 1994, huma qablu li tista’ tintuża proċedura mgħaġġla. L-ebda bidla importanti ma tista’ tiġi introdotta fl-atti li għandhom l-iskop tal-kodifikazzjoni.

3. Din il-proposta tal-Kummissjoni tikkorrispondi eżatt ma’ din l-intenzjoni u għalhekk il-KESE m’għandu l-ebda oġġezzjoni x’jagħmel, għalkemm jinnotta li l-kodifikazzjoni qiegħda ssir fl-aħħar ħin. Xorta waħda, jirnexxielha tissodisfa l-kriterji stipulati, anke jekk l-aktar emendi riċenti jmorru lura għall-1992.

Brussel, 2 ta’ Ġunju 2004

Il-President

tal- Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Roger BRIESCH

⁽¹⁾ ĠU 70 tas-6.8.1962, p. 2005. Direttiva miqdula fl-aħħar mir-Regolament (KEE) nru. 881/92 (ĠU L 95 tad-9.4.1992, p.1) – Opinjoni KESE : ĠU C 40 tas-17.02.1992, p.15.